



TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0304

L-istat tad-dritt u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tuneżija, b'mod partikolari l-każ ta' Sonia Dahmani

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Novembru 2025 dwar l-istat tad-dritt u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tuneżija, b'mod partikolari l-każ ta' Sonia Dahmani (2025/2988(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar it-Tuneżija,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija,
 - wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-avukat u l-ġurnalista Sonia Dahmani ġiet arrestata f'Mejju 2024 fl-uffiċċju tal-Kamra tal-Avukati Tuneżina wara li dehret fuq l-istazzjon televiżiv Carthage+; billi mill-arrest tagħha ffaċċjat ħames proċedimenti tal-qorti separati u ġiet ikkundannata tliet darbiet; billi huma ppjanati proċessi ulterjuri u s-sentenza totali tagħha tista' twassal sa 24 sena;
- B. billi Sonia Dahmani hija soġġetta għal kundizzjonijiet ta' detenzjoni inumani u degradanti, mingħajr aċċess għall-kura medika;
- C. billi oħtha Ramla Dahmani ġiet ikkundannata *in absentia* f'Lulju 2025 fuq akkużi ta' tixrid ta' aħbarijiet foloz;
1. Jikkundanna d-detenzjoni arbitrarja, il-fastidju ġudizzjarju u l-kundanna tal-avukat u l-kummentatur tal-media Sonia Dahmani;
 2. Jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet ta' Sonia Dahmani u ta' dawk kollha detenuti talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni, inklużi l-priġunieri politiċi u d-difensuri

tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Tuneżini jirtiraw l-akkużi kollha kontra Sonia Dahmani u oħtha u joqgħodu lura milli jagħtu fastidju lill-familthom;

3. Jiddenunzja l-kundizzjonijiet li fihom qed tinżamm Sonia Dahmani, inklużi kura medika inadegwata, komunikazzjoni limitata ma' familtha u l-avukat tagħha, u seduti ta' smigħ imdewma, flimkien ma' diversi każijiet bl-għan li jestendu d-detenzjoni tagħha;
4. Jinsisti li l-awtoritajiet Tuneżini jipproteġu l-libertà tal-għaqda u tal-espressjoni, jiggarrantixxu l-indipendenza ġudizzjarja, jipprevjenu l-indhila eżekuttiv fil-funzjonijiet ġudizzjarji u jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet garantiti mill-Kostituzzjoni Tuneżina; jikkundanna ż-żieda fid-detenzjonijiet arbitrarji, il-persekuzzjonijiet motivati politikament u r-restrizzjonijiet fuq il-libertajiet;
5. Jitlob ir-revoka sħiħa tad-Digriet Amministrattiv 54, li wassal għal prosekuzzjonijiet relatati mal-espressjoni ta' opinjoni, u tal-leġislazzjoni abbużiva kollha użata biex tillimita l-libertajiet;
6. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jesprimu tħassib serju dwar id-deterjorament tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tuneżija u jsegwu azzjoni diplomatika kkoordinata mmirata biex tiffaċilita l-ħelsien tad-detenuati politiċi;
7. Jistieden lill-awtoritajiet Tuneżini jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija; jieħu nota tal-posponiment reċenti tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija u jitlob lill-Kummissjoni tqiegħed is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentru ta' kwalunkwe dialoġu politiku, assistenza finanzjarja, kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u ftehimiet mat-Tuneżija;
8. Jesprimi solidarjetà soda mas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-media indipendenti u l-ġurnalisti, u l-assoċjazzjonijiet tal-avukati Tuneżini; jistieden lill-Kummissjoni tirreaġixxi għad-deċiżjoni tal-Gvern Tuneżin li jimblokka l-kontijiet bankarji tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jissottolinja r-rwol kritiku li għandhom il-professjonisti legali fis-salvagwardja tal-istat tad-dritt u l-integrità tas-sistema ġudizzjarja;
9. Iħeġġeġ lit-Tuneżija tindirizza d-diversi sfidi fir-reġjun kollu billi tassumi rwol fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-awtoritajiet tat-Tuneżija.